# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 295 (b'urġenza) – It-Tlieta 17 ta' Frar, 2015

## AĠENDA

Talba

1. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2014
2. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻATI

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsilliera Mariette Borg li kienet indisposta minħabba mard u komunikat mingħand il-Kunsillier Emanuel Cutajar li kien imsiefer. Is-Sindku ippropona li din it-talba tkun milqugħa. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 Rapport Finanzjarju 2014

1.1 Is-Sindku qal li kellha titlaqqa' din is-seduta b'urġenza minħabba li l-*financial statements* approvati mill-Kunsill u iffrimati mis-Segretarju Eżekuttiv iridu jaslu għand l-Awditur Ġeneral sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 20 ta' Frar.

Huwa għalhekk stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel preżentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

Is-Segretarju Eżekuttiv waqt li poġġa fuq il-mejda kopja tar-Rapport Finanzjarju 2014, qal li filwaqt li l-Kunsill daħħal €820, 019 (kważi €28,000 anqas mis-sena ta' qabel), il-Kunsill ħareġ €784,168 (€14,000 aktar mis-sena ta' qabel), u b'hekk spiċċa b'*surplus* ta' €35,851.

Din is-sena, is-sena finanzjarja għalqet b'*Working Capital* ta' €595, iġifieri wieħed pożittiv. Dan ifisser li l-Kunsill għandu biżżejjed fondi biex ikopru l-ammonti li għad għandu jagħti.

Is-Sindku ippropona li r-Rapport Finanzjarju għandu jiġi approvat.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 Hwejjeġ oħrajn

### 2.1 Il-Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda għal-Laqgħa tal-Bord tal-Għażla dwar għajnuna finanzjarja għal proġetti kapitali, maħtur mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali.

Jidher li dan il-proġett intlaqa' tajjeb ħafna. Madankollu l-Bord talab li jiġi emendat biex jiddaħħal spazju ta' riklamar. Is-Sindku qal li kien se jitlob lill-Perit jagħmel l-emendi neċessarji.

Is-Sindku qal li din il-*playing field* qatt ma kellha isem. Huwa ippropona li din tissemma' "Nalizperla" għall-artist Maurice Tanti Burló li kien joqgħod is-Siġġiewi u li miet riċentament. Huwa kompla jgħid li ħajt kbir tal-*playing field* jista' jiżżejjen minn uħud mit-tpinġijiet ta' dan l-artist.

Huwa kompla jgħid li l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija dwar dan il-proġett.

Il-Kunsillier talab li din il-materja tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

Is-Sindku qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din tkun deċiża fis-seduta tat-Tnejn, 23 ta' Frar, 2015.

### 2.2 Resurfacing ta' toroq

Is-Sindku qal li kien hemm il-ħtieġa urġenti ta' resurfacing diversi toroq fosthom,

1. Triq id-Dejqa u l-isqaq ta' magħha li jagħti għal Triq il-Kbira.
2. Sqaq nru. 2, Triq San Nikola.
3. Il-parti nieqsa fi Triq in-Nirien, biswit il-Kappella Santissimà Trinità, wara li jingħataw is-sinjali mill-MEPA.
4. Triq in-Newba: jidher li din hemm partijiet minnha li għandhom difetti strutturali u għalhekk iridu jingħataw żewġ saffi ta' resurfacing.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-7.00pm

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-it-Tnejn, 23 ta' Frar, 2015.**